

Brussell, 6 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

15198/16

JAI 1040
DROIPEN 208
COPEN 371
GENVAL 128
MIGR 211
COSI 204

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 719 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL li jivvaluta l-impatt tal-liġi nazzjonali eżistenti, li jistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġett tal-isfruttament tat-traffikar tal-bnedmin, fuq il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, skont l-Artikolu 23 (2) tad-Direttiva 2011/36/UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 719 final.

Mehmuż: COM(2016) 719 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.12.2016
COM(2016) 719 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

li jivvaluta l-impatt tal-liġi nazzjonali eżistenti, li jistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġett tal-isfruttament tat-traffikar tal-bnedmin, fuq il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, skont l-Artikolu 23 (2) tad-Direttiva 2011/36/UE

1. L-Isfond u l-Għan

Dan ir-Rapport iwieġeb għar-rekwiżit tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, skont liema: *"Il-Kummissjoni għandha, sas-6 ta' April 2016, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fejn tivvaluta l-impatt tal-liġi nazzjonali eżistenti, li tistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġett tal-isfruttament tat-traffikar tal-bnedmin, fuq il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn proposti adegwati"*.

Referenza għall-kriminalizzazzjoni tal-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar huwa stabbilit fl-Artikolu 18, (intitolat "il-Prevenzjoni") (1) u (4) tad-Direttiva 2011/36/UE li jiddikjara kif ġej: *"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li tteġġeg il-forom kollha ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin. [...]* 4. *Sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin isiru aktar effikaċi billi tiġi skoraġġita d-domanda, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jieħdu l-miżuri biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġett ta' sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2, bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2"*.

Dan ir-Rapport jagħti deskrizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti li tikkriminalizza l-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar u valutazzjoni tal-impatt ta' tali miżuri ġuridiċi. Dan huwa lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) li jeżamina miżuri oħra mhux leġiżlattivi li jistgħu jeżistu fil-livell nazzjonali jew miżuri leġiżlattivi li ma jmissux mal-kriminalizzazzjoni tal-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar. Ta' min tinnota, dan mhuwiex rapport li jivvaluta l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/36/UE. Jinħtieġ li jinqara flimkien mar-*"Rapport li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkun hađu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu f'konformità mal-Artikolu 23(1), (COM(2016) 722)*. Huwa jieħu kont ukoll tal-ewwel Rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu (minn hawn 'il quddiem *"Rapport ta' Progress"*).

Fl-abbozzar ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni li waslet mingħand l-Istati Membri, permezz ta' kwestjonarju li ntbagħat f'Mejju 2016, u l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili permezz tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-Bnedmin¹ kif ukoll permezz tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Traffikar tal-Bnedmin².

¹ Għal iktar informazzjoni, ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, Rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2016) kif meħtieġ skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, COM(2016) 267 final.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2011/502/UE) tal-10 ta' Awwissu 2011 dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Esperti fit-Traffikar tal-Bnedmin u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/675/KE.

2. Il-liġi nazzjonali eżistenti li tistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament tat-traffikar tal-bnedmin

2.1. *Ġabra fil-qosor tat-tweġibiet*

L-analiżi ta' hawn taħt hija bbażata fuq it-tweġibiet ipprovduti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni ma tistax teskludi li dispożizzjonijiet nazzjonali oħra jew żviluppi jistgħu jeżistu. Fid-dawl ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni saqsiet lill-Istati Membri biex jirrappurtaw fuq "*Il-liġi nazzjonali eżistenti li tistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament tat-traffikar tal-bnedmin; min hu preċiżament kriminalizzat; jekk hi maħsuba l-kriminalizzazzjoni għall-forom kollha ta' sfruttament; jekk il-leġiżlazzjoni teħtieġ li tingħata prova tal-element ta' għarfien li l-persuna hija vittima tat-traffikar u kif din tħalli impatt fuq l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni; x'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat illi l-pubbliku huwa konxju mid-drift biex tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar; id-dejta statistika disponibbli dwar prosekuzzjonijiet u kundanni u l-ostakoli li jiltaqgħu magħhom; jekk ma teżisti l-ebda liġi nazzjonali, x'inhuma r-raġunijiet u liema alternattivi huma fis-seħħ biex jissodisfaw l-obbligu li tiġi kkunsidrata l-kriminalizzazzjoni; kif jivvalutaw l-impatt ta' liġijiet bħal dawn u jekk ikollhom jagħtu suġġerimenti rilevanti; liema proċessi ta' konsultazzjoni huma fis-seħħ u; jekk huma kkummissjonaw kwalunkwe valutazzjoni u riċerka ta' tali liġijiet.*"

Jinħtieġ li jiġi enfasizzat mill-bidu li l-Istati Membri ma elaborawx l-informazzjoni mogħtija dwar kif issodisfaw l-obbligu legali għall-kunsiderazzjoni tal-kriminalizzazzjoni ta' utenti ta' vittmi li tirriżulta mill-Artikolu 18(4) tad-Direttiva 2011/36/UE.

L-analiżi tat-tweġibiet tal-Istati Membri turi li, fil-mument meta ġie abbozzat dan ir-rapport, hemm **10 Stati Membri li stabbilixxew bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma oġġett għal kull forma ta' sfruttament ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, u 15-il Stat Membru li jkun stabbilixxa biss kriminalizzazzjoni limitata u selettiva għall-użu ta' servizzi ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.**

B'mod aktar speċifiku:

1) L-Istati Membri li stabbilixxew tali reat kriminali għall-forom kollha ta' sfruttament (BG, EL, HR, CY, LT, MT, PT, RO, SI, UK)

Għaxar (10) Stati Membri rrappurtaw li kienu eżistenti fil-liġi nazzjonali li jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament tat-traffikar tal-bnedmin (**BG, EL, HR, CY, LT, MT, PT, RO, SI, UK**³), filwaqt li jindirizzaw il-forom kollha ta' sfruttament.

Il-BG infurmat lill-Kummissjoni li, skont il-Kodiċi Penali Bulgara (l-Artikolu 159c) individwu li juża persuna milquta mit-traffikar tal-bnedmin għal debuxxjar, xogħol furzat jew talb għall-elemożina, it-tneħħija tal-organi, tessuti, ċelluli jew fluwidi tal-ġisem jew għaż-żamma tiegħu/tagħha kontra x-xewqa tiegħu/tagħha, irrispettivament mill-kunsens tiegħu/tagħha, għandu jiġi kkastigat b'piena ta' priġunerija ta' bejn tlieta u 10 snin u multa ta' bejn BGN 10 000 u BGN 20 000. Il-HR għandha dispożizzjoni simili iżda anki tmur lil hinn, timponi penalitajiet identiċi fuq

³ Ir-UK bagħat lill-Kummissjoni li l-Ingilterra u Wales għandhom tali miżuri eżistenti għat-traffikar tal-bnedmin, filwaqt li l-Iskozja ma għandhiex tali miżuri fis-seħħ u l-Irlanda ta' Fuq għamlet tali miżuri mmirati biss lejn it-traffikar għall-iskop ta' sfruttament sesswali.

kull persuna li konxjament tuża vittma jew is-servizzi tagħha ma' dawk li huma inkarigati biex jitwettaq ir-reat ta' traffikar tal-bnedmin. **CY** jirrapporta li l-Artikolu 17 tal-Liġi 60(I)/2014 jipprovdni li kull persuna li tista' raġonevolment tassumi li xogħol jew servizzi li huwa/hija j/tuża huma pprovduti minn vittma tat-traffikar tal-bnedmin, ikunu wettqu reat taħt il-liġi ta' kontra t-traffikar. Il-**EL** stabbilixxiet tali dispożizzjonijiet legali nazzjonali fl-2013 mal-Liġi 4198/2013, li permezz tagħha persuni li konxjament jaċċettaw xogħol ta' persuna li hija vittma ta' traffikar kif ukoll dawk il-persuni li konxjament jagħmlu att sesswali ma' persuna li hija vittma tat-traffikar. Il-**LT** irrappurtat li skont l-Artikolu 147-2 tal-Kodiċi Kriminali, kull persuna li tuża servizzi mogħtija lill-vittmi tat-traffikar u li kienet taf jew kellha tkun taf li huma vittmi għandha tiġi punita b'multa, jew b'miżuri ta' restrizzjoni tal-libertà. Ta' min tinnotta, persuna li twettaq tali att u sussegwentement tinforma volontarjament l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tikkoopera b'mod attiv, qabel ma tiġi ddikjarata persuna suspettata, tista' tiġi eżentata minn responsabbiltà penali. Barra minn hekk, entitajiet legali għandhom ukoll jinżammu responsabbli għal atti bħal dawn. **MT** infurmat lill-Kummissjoni li kull persuna imqabba biex taħdem jew li tagħmel użu minn servizzi jew ħidma bl-għarfien li l-persuna li tipprovdni tali servizzi jew xogħol kienet ittraffikata, tkun haġja ta' reat u tinżamm responsabbli, wara li tkun ġiet ikkundannata, għal piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin. Dispożizzjonijiet simili jeżistu fil-**PT** u s-**SI** (bl-impożizzjoni ta' sentenza ta' priġunerija sa tliet snin u multa). Ir-**RO** infurmat lill-Kummissjoni li skont l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali tar-Rumanija kwalunkwe persuna li tuża s-servizzi kif imniżżla fl-Artikolu 182 tal-Kodiċi Kriminali (dwar l-esplotazzjoni) minbarra t-traffikant, u li tkun taf li s-servizzi huma pprovduti minn vittma tat-traffikar tal-bnedmin, għandha tiġi kkriminalizzata.

2) L-Istati Membri li ma stabbilixxewx dispożizzjonijiet legali nazzjonali espliċiti jew li stabbilixxew kriminalizzazzjoni limitata u selettiva tal-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin⁴

Erbatax-il Stat Membru rapportaw li l-ebda dispożizzjonijiet legali nazzjonali ma huma fis-seħħ biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma oġġett għal kull forma ta' sfruttament ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin (**AT, BE, CZ, DE, EE, ES, FR, HU, IT, LV, LU, NL, PL, SK**). Madankollu, xi Stati Membri (**FI, IE, SE**) wettqu leġiżlazzjoni li timmira l-użu ta' vittmi tat-traffikar, iżda biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' forma partikolari ta' sfruttament. B'mod aktar speċifiku, il-**FI** u l-**IE** rappurtaw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti timmira biss lejn l-użu ta' vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali. L-**SE** tirrapporta li filwaqt li ma hemm ebda dispożizzjoni speċifika li tikkriminalizza l-użu tas-servizzi għal vittma tat-traffikar, japplikaw id-dispożizzjonijiet skont il-liġi dwar il-projbizzjoni tax-xiri tas-servizzi sesswali, li jistgħu jkopru l-użu ta' servizzi mill-vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali.

Għal dawk l-Istati Membri li ma stabbilixxewx tali dispożizzjonijiet espliċiti, skont l-informazzjoni pprovduta minnhom, f'ċerti każijiet isir rikors għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw reati sesswali jew l-isfruttament sesswali tat-tfal (pereż. **IT, ES, NL, u BE**). Filwaqt li l-**IT** ma kellhiex tali dispożizzjonijiet espliċiti, qed tirrapporta li stabbilixxiet bħala reat kriminali skont l-Artikolu 603 *bis* tal-Kodiċi kriminali Taljana s-senserija illeċita u l-isfruttament tax-xogħol b'mod ġenerali.

⁴ **FI, IE, SE** stabbilixxew dispożizzjonijiet legali biss għall-isfruttament sesswali u **AT, BE, DE, EE, FR, HU, IT, LV, LU, NL, PL, SK** biss fil-kuntest tad-Direttiva tas-sanzjonijiet kontra min iħaddem.

Filwaqt li l-AT ma għandha l-ebda dispożizzjoni espliċita dwar il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, hemm dispożizzjoni adottata riċentement dwar it-twertiq ta' att sesswali ma' persuni kontra l-volontà tagħhom, billi jisfruttaw sitwazzjoni diffiċli jew wara intimidazzjoni preċedenti.

Barra minn hekk, xi Stati Membri jirrapportaw li għandhom fis-seħħ biss miżuri li jittrasponu u jimplimentaw **id-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali**⁵ (l-hekk imsejja **Direttiva dwar sanzjonijiet kontra min iħaddem**) (pereż. il-PL jew l-HU). F'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 tinnotta li b'mod ġenerali l-Istati Membri b'mod ġenerali kkriminalizzaw l-impjeg illegali fiċ-ċirkostanzni kollha deskritti fl-Artikolu 9 (inklużi każijiet fejn min iħaddem ikun jaf li ħaddiem huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin). Skont din il-Komunikazzjoni, ir-CZ u ES ma kinux speċifikament jippenalizzaw l-impjeg illegali f'sitwazzjonijiet fejn "min iħaddem kien konxju li l-ħaddiem kien vittma tat-traffikar tal-bnedmin"⁶.

Jinħtieġ li jiġi nnutat, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva 2009/52/KE huwa limitat biss għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissoġġornaw illegalment fl-UE. Għaldaqstant, hija ma tkoprix vittmi tat-traffikar li jkunu ċittadini tal-UE jew vittmi tat-traffikar li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi iżda li joqogħdu legalment fl-UE. Barra minn hekk, filwaqt li d-Direttiva tapplika għal każijiet ta' xogħol dipendenti⁷, ma tkoprix każijiet fejn il-vittmi huma persuni li jaħdmu għal rashom jew każijiet fejn l-utent mhuwiex ta' min iħaddem. B'hekk, il-kriminalizzazzjoni stipulata fid-Direttiva 2009/52/KE hija adatta għas-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, li huwa limitat u mhux biżżejjed biex tindirizza s-sitwazzjonijiet kollha ta' traffikar tal-bnedmin. Madankollu, din isservi bħala eżempju tajjeb ta' miżuri li jkunu jistgħu jintużaw f'din id-direzzjoni għal żvilupp u konsolidament ulterjori tal-qafas legali kontra t-traffikar.

3) Alternattivi għan-nuqqas ta' kriminalizzazzjoni

Kif imsemmi hawn fuq, skont l-Artikolu 18(4) tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom obbligu li talinqas jikkunsidraw li jikkriminalizzaw lil dawk li konxjament jużaw is-servizzi ta' vittmi ta' traffikar. Madankollu, l-Istati Membri pprovdew informazzjoni limitata lill-Kummissjoni dwar alternattivi meta ma jkunx hemm miżuri nazzjonali li jikkriminalizzaw lil dawk li jużaw is-servizzi ta' vittmi ta' traffikar. Mir-risposti għall-kwestjonarju jidher li huma biss in-NL u ES li pprovdew informazzjoni f'dan ir-rigward. In-NL irrappurtat kampanji ta' informazzjoni dwar r-rapportar anonimu ta' kriminalità, it-tqajjim ta' kuxjenza u promozzjoni dwar prosekuzzjonijiet ta' abbuż

⁵ Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali, <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32009L0052>

⁶ Meta wieħed iżomm f'moħħu l-perjodu li skada mill-adozzjoni tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/52/KE, ma jistax jiġi eskluż li sadattant il-leġislazzjoni rilevanti ġiet adottata. Għal aktar informazzjoni ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali COM(2014), 286 finali.

⁷ Id-definizzjoni ta' impjeg tkopri l-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' kwalunkwe forma ta' xogħol jew impjeg skont il-liġi nazzjonali jew skont prattika stabbilita għal jew taħt id-direzzjoni u / jew is-supervizzjoni ta' min iħaddem (Artikolu 2(c) id-Direttiva 2009/52/EC); il-preambolu jippreċiża li din jinħtieġ li tkun irrispettivament mir-relazzjoni legali (il-Premessa 7).

sesswali tat-tfal fejn isir rikors għal ħlas, ftehim ma' setturi tan-negozju fuq il-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. **ES** irrappurtat li minkejja n-nuqqas ta' dispożizzjoni espliċita dwar il-kriminalizzazzjoni tal-użu ta' servizzi sesswali minn vittma ta' traffikar tal-bnedmin, fejn hemm għarfien dwar l-istat ta' vulnerabbiltà tal-vittma, kull att bħal dan li seta' jitqies bħala reat kontra l-libertà sesswali u l-integrità ta' persuna, u l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Penali għandhom ikunu applikabbli.

4) *Evalwazzjonijiet*

Numru limitat ta' Stati Membri rrappurtaw li kienu kkummissjonati **evalwazzjonijiet** ta' tali liġijiet jew ta' riċerka rilevanti (pereż. **FI**, **SE**). L-**SE** rrappurtat lill-Kummissjoni li r-rapport ta' investigazzjoni dwar il-Projbizzjoni kontra x-Xiri ta' Servizzi Sesswali ġie ppubblikat fl-2010. Fost is-sejbien ewlenin kien hemm: (a) il-prostituzzjoni tat-triq tnaqqset bin-nofs; (b) l-internet sar arena ġdida għall-prostituzzjoni; (c) il-projbizzjoni tax-xiri ta' servizzi sesswali ġġieldet it-twaqqif ta' kriminalità organizzata; u (d) żdied l-appoġġ pubbliku għall-projbizzjoni. Barra minn hekk, Inkjesta kontra t-Traffikar hi mistennija li se tevalwa l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi kriminali dwar it-traffikar tal-bnedmin, u li se twettaq ukoll skrutinju kif l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jinvestigaw u jitttrattaw kwistjonijiet ta' traffikar tal-bnedmin.

Il-**FI** kkummissjonat riċerka wara sentenza storika tal-Qorti Suprema dwar l-hekk imsejħa kriminalizzazzjoni parzjali tax-xiri ta' servizzi sesswali mingħand prostituti akkwistati u vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Ir-riċerka kkonkludiet li l-problema ewlenija fl-applikazzjoni tal-liġi kienet li ftiit każijiet ta' abbuż ta' vittma tal-kummerċ tas-sess kienu ġew skoperti, investigati, imħarrka u kkastigati. Ir-rekwiżit ta' *mens rea* fil-kriminalizzazzjoni parzjali ta' xerrejja tas-sess ġie rrappurtat bħala problematiku. Ir-rapport jgħid li s-sitwazzjoni li kienet tiffavorixxi x-xerrejja tas-sess li jevitaw milli jiksbu kwalunkwe għarfien dwar iċ-ċirkostanzi tal-prostitut/a iżda kienu strettament familjari mal-interpretazzjoni letterali tal-liġi. Ir-riċerkaturi proponew il-kriminalizzazzjoni sħiħa għax-xiri tas-sess. Wara dan ir-rapport, il-Gvern ippropona emenda tar-reat li jistabbilixxiha fuq in-negliġenza tal-utent⁸.

Ir-UK (l-Irlanda ta' Fuq) jistenna evalwazzjoni fl-2018 u rrapporta li l-**Iskozja** kkummissjonat riċerka dwar is-suġġett matul l-iskrutinju tal-Att tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament (2015).

Ġeneralment, id-**dejta statistika** pprovduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kollha huwa skars b'numru limitat ta' prosekuzzjonijiet u kundanni kkomunikati. Barra minn hekk, huwa dubjuż jekk tali *dejta* diżaggregata dwar dan ir-reat hijiex disponibbli fil-livell nazzjonali. Pereżempju, l-**IT** tenfasizza li fil-preżent ma hemm ebda *dejta* separata dwar l-użu ta' servizzi pprovduti mill-vittmi tat-traffikar. Dan huwa qasam li l-Kummissjoni se tkompli teżamina fil-kuntest tal-ħidma mogħtija

⁸ Għal aktar informazzjoni ara Johanna Niemi & Jussi Aaltonen, "Abuse of a victim of sex trade: Evaluation of the Finnish sex purchase ban", il-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Finlandja, 2014, jinsab fuq http://ec.europa.eu/anti-trafficking/publications/abuse-victim-sex-trade_en

biex titjieb il-kwalità u l-komparabbiltà tad-*dejta* dwar it-traffikar tal-bnedmin miġbura fil-livell tal-UE.

2.2. *Il-valutazzjoni tal-impatt u l-applikazzjoni*

L-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni turi li l-Istati Membri jsegwu approċċi u prattiki pjuttost differenti. Fl-Istati Membri kollha fejn hemm miżuri nazzjonali li jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament tat-traffikar tal-bnedmin, il-kamp ta' applikazzjoni personali ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa limitat biss għal dawk li direttament jużaw servizzi jew ħidma pprovduti mill-vittmi.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fejn hemm leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament tat-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri jirrapportaw li għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom. Dan huwa minħabba li l-miżuri daħlu fis-seħħ wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE fl-2013 minħabba l-perjodu qasir għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.

Dawk l-Istati Membri li għandhom dispożizzjonijiet bħal dawn, kollha jeħtieġu li l-utent ikollu għarfien preċedenti li l-persuna li s-servizzi tagħha qed jintużaw hija vittma tat-traffikar tal-bnedmin. F'dawn il-każijiet, diġà ġiet irrapportata diffikultà ġenerali fir-rigward tal-evidenza. F'ħafna mill-Istati Membri kkonċernati, l-oneru tal-prova jaqa' primarjament mal-prosekutur: is-suspettat / il-konvenut jibbenefika mill-preżunzjoni ta' innoċenza u ma għandux obbligu li juri prova tal-innoċenza tiegħu. Biss, fil-każ ta' l-**IE** l-oneru tal-prova jkun trasferit u dan jaqa' fuq il-konvenut biex juri li hu jew hi ma kinux jafu, u li ma kellhom l-ebda raġuni raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna li kontriha jkun sar ir-reat kien vittma tat-traffikar tal-bnedmin.

F'dan ir-rigward, ir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin jinnota li "[...] Prova ta' għarfien tista' tkun kwistjoni diffiċli għall-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni. Tinqala' diffikultà simili ma' diversi tipi oħra ta' dispożizzjoni tal-liġi kriminali li teħtieġ evidenza ta' xi ingredjent mhux materjali ta' reat. Madankollu, **id-diffikultà biex tinġabar l-evidenza mhijiex neċessarjament argument konklużiv għal tip ta' aġir partikolari bħala reat kriminali**". F'dan il-kuntest, diffikultajiet fil-bini ta' evidenza għal reat ma jinħtieġu iwasslu biex ċerta mġiba ma tiġix kriminalizzata.

Filwaqt li l-għadd ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni b'suċċess bla dubju kellhom effett dissważiv, huwa dubjuż kif tali statistika tista' tiġi interpretata, b'mod partikolari b'rabta mal-valutazzjoni tal-impatt u s-suċċess ta' miżuri rilevanti. **Minħabba li l-akbar effett ta' tali miżuri tinsab fil-prevenzjoni li r-reat qabelxejn isseħħ, l-istatistika dwar prosekuzzjonijiet u kundanni ma tistax tagħti indikazzjoni sikura tal-effikaċja tal-miżuri.** Kif iddikjarat hawn fuq, id-*dejta* statistika pprovduta għal dan ir-rapport hi skarsa. Għall-2014 u l-2015, il-**BG** tirrapporta li kien hemm rispettivament erba' (4) atti ta' akkuża u kundanna waħda (1) u ħames (5) atti ta' akkuża u żewġ (2) kundanni. Il-**EL** irrappurtat li skont l-istatistika tal-Pulizija Ellenika kien hemm prosekuzzjoni waħda (1) minn meta daħlet fis-seħħ il-Liġi l-ġdida. Ir-**RO** tinforma ulterjorment li fl-2015 ġew rapportati l-ewwel każijiet tad-Direttorat għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu u disa' (9) persuni ġew mħarrka għar-reat li użaw is-servizzi tal-vittmi tat-traffikar. Skont il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, sa Mejju 2016, 15-il persuna ġew

ikkundannati għar-reat li użaw is-servizzi ta' persuna sfruttata. Dawn is-sentenzi ma kinux definittivi madankollu, u jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti Suprema.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar is-sejbiet tar-Rapport ta' Progress "*L-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni turi b'mod ċar li huwa importanti li l-Istati Membri jsaħħu l-isforzi biex jiżdied in-numru ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet, u sabiex jitnaqqas il-piż fuq il-vittmi u x-xhieda tagħhom waqt il-proċedimenti għal għbir ta' evidenza*". Jistgħu jagħmlu dan billi jiżviluppaw taħriġ regolari u mfassal apposta għal investigaturi, prosekuturi u imħallfin u billi jużaw b'mod sistematiku l-investigazzjonijiet finanzjarji (kif rakkomandat mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja) u għodod investigattivi effettivi oħra mmexxija mill-intelligence, li jistgħu jipprovdu diversità ta' evidenza biex jintużaw minbarra x-xhieda tal-vittmi. *Għandhom ukoll jiddedikaw biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex jindirizzaw kifxieraq dan ir-reat*".

Ir-restrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali biss għas-sitwazzjoni fejn l-utent ikollu għarfien dirett u attwali li l-persuna hija vittma ta' traffikar ta' bnedmin, toħloq limitu għoli ħafna għall-kisba ta' prosekuzzjonijiet. F'dan ir-rigward, konsiderazzjoni tal-livell ta' għarfien li għandu jintalab għal dan ir-reat għandha tkun is-suġġett ta' eżaminazzjoni dettaljata.

3. Żgurar ta' prevenzjoni effettiva tat-traffikar tal-bnedmin

Dan il-kapitolu jirrifletti d-deliberazzjonijiet⁹ mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni, iggwidata minn Strateġija tal-UE kontra t-Traffikar¹⁰ u strumenti ta' politika ewlenin oħrajn¹¹, u jipprovdi sinsla għall-analiżi tiegħu. L-analiżi msemija hawn fuq uriet qafas legali inkomplet u differenti fil-livell nazzjonali dwar it-trattament legali tal-utenti tal-vittmi tat-traffikar, li jħalli impatt fuq il-prevenzjoni effettiva tal-kriminalità. Huwa f'dan l-ambjent, li t-traffikar tal-bnedmin għadu mifruq minkejja l-isforzi li saru, mingħajr ebda indikazzjoni li dan ir-reat serju qiegħed jonqos.

F'dan ir-rigward, pedament **għal kull azzjoni deċiżiva ta' deterrent għat-traffikar tal-bnedmin huwa d-dover ta' rendikont ta' dawk li wettqu r-reat**. Dan huwa rifless ukoll fi strumenti internazzjonali ewlenin oħra u strumenti legali Ewropej¹². Kien trattat ulterjorment mill-**Parlament Ewropew**¹³ u l-**Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa**¹⁴ u mis-**Soċjetà Ċivili**¹⁵.

⁹ Bħall-studji tal-Kummissjoni jiġifieri dwar inizjattivi dwar il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u dwar id-dimensjoni tal-ġeneri tat-traffikar tal-bnedmin, li kienu r-riżultati tal-Istrateġija tal-UE kontra t-Traffikar.

¹⁰ Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016, (COM(2012) 286 finali).

¹¹ Bħall-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, l-Impenn Strateġiku tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Pjan ta' Azzjoni għal Demokrazija tal-UE.

¹² Pereżempju, il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti tas-sena 2000 dwar il-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment Nisa u Tfal (l-Artikolu 9) u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2005 dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (l-Artikoli 6 u 19).

¹³ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu minn perspettiva tal-ġeneru (2015/2118(INI)), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2016 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-relazzjonijiet esterni tal-UE (2015/2340(INI)), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-isfruttament sesswali u l-prostituzzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi (2013/2103(INI)).

Il-Kummissjoni stipulat fl-**Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà** u kemm-il darba saħqet fir-rapporti u studji tagħha li t-traffikar tal-bnedmin, bħala reat serju, transfruntier u organizzat, għandu konsegwenzi umani, soċjali u ekonomiċi kbar¹⁶. Huwa xprunat mid-**domanda** għall-forom kollha ta' sfruttament u bi **profitti** għoljin. Il-profitti, fl-ekonomiji legali u illegali, jirriżultaw f'relazzjoni kumplessa bejn il-provvista u d-domanda li jridu jiġu indirizzati sabiex ir-reat jiġi eradikat¹⁷. L-indirizzar ta' din id-domanda u t-tnaqqis tagħha huwa obbligu legali fid-Direttiva 2011/36/UE u għandha l-għan li jipprevjeni l-ħsara milli sseħħ, bit-tibdil tal-ambjent usa' sabiex jitnaqqsu l-inċentivi għat-traffikar tal-bnedmin.

3.1. L-identifikar tal-utent ta' servizzi minn vittmi tat-traffikar tal-bnedmin

F'dan il-kuntest, id-domanda tkopri dawk l-individwi, gruppi jew persuni ġuridiċi, li huma mmexxija mill-oġettiv li jisfruttaw il-vittmi sabiex jagħmlu profitt fuq ħafna livelli lil dawk li direttament jużaw u jabbużaw il-vittmi, kif ukoll għal dawk li jaġixxu bħala promoturi jew faċilitaturi u ġeneralment dawk li jgħidli u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għal dan.

Negożji li jagħmlu użu minn vittmi ta' traffikar u li jużaw il-profitti mit-traffikar mhumieq ristretti għall-organizzazzjonijiet kriminali u t-traffikar ta' spiss jinvolvi katina ta' negożji leġittimi. Dawk li jieħdu l-profitti huma mifruxa mill-qraba tal-vittmi, għal aġenziji informali jew formali ta' reklutaġġ, intermedjarji tas-suq tax-xogħol li jipprovdu xogħol f'ċerti setturi speċifiċi jew sottokuntratturi f'katini tal-provvista globali, kif ukoll aġenziji tal-ivvjaġġar u intrapriżi tat-trasport, kif ukoll kumpaniji tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Sors ieħor ta' domanda huma konsumaturi, li jistgħu jkunu individwi li jixtru prodotti manifatturati minn vittmi iżda mingħajr ebda għarfien ta' kif ġew prodotti jew bl-għarfien li l-utenti kienu vittmi tat-traffikar, u jinjoraw sinjali ovvjati ta' traffikar u ta' sfruttament sesswali / tax-xogħol, bħal pereżempju prezzijiet baxxi ħafna jew sinjali ta' vjolenza u intimidazzjoni. F'dan ir-rigward, dan ir-rapport jevita li jintużaw termini bħal "klijent" fil-kuntest ta' traffikar għal sfruttament sesswali jew adulti jew tfal vittmi, billi din it-terminoloġija tgħatti t-tbatija, l-abbuż u l-ksur li l-vittmi tat-traffikar ikunu għaddew minnhom.

Kif mistqarr fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument Rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu: "L-oġettiv finali tal-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin jista' jinkiseb biss **jekk l-ewwel nett ir-reat jitwaqqaf milli jsir u bl-użu ta' firxa wiesa' ta' għodod disponibbli f'livell tal-UE u**

¹⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Prostituzzjoni, Traffikar tal-Bnedmin u Skjavitù Moderna fl-Ewropa tal-1983 (2014).

Tinsab fuq: <http://assembly.coe.int/nw/xml/XRef/X2H-Xref-ViewPDF.asp?FileID=20716&lang=en>

¹⁵ L-organizzazzjonijiet li qed jieħdu sehem fil-pjattaforma tas-soċjetà ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin innotaw li l-leġiżlazzjoni hija l-aktar miżura importanti li l-Istati Membri jinħtieġ li jieħdu biex jiżguraw il-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-domanda. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument Rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, COM(2016) 267 final, SWD(2016) 159 finali, p. 64.

¹⁶ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà", COM(2015) 185 finali.

¹⁷ Rapport tal-Progress.

nazzjonali [...] Dan ifisser mhux biss l-indirizzar tal-kawżi primarji fejn persuni jsiru iktar vulnerabbli għat-traffikar – bħall-faqar, l-inugwaljanza tas-sess u l-vjolenza kontra n-nisa, id-diskriminazzjoni etnika, il-marġinalizzazzjoni tas-soċjetà, il-migrazzjoni rregolari – iżda wkoll l-iżgurar li dawk li japprofittaw mir-reat u jisfruttaw il-vittmi jitressqu quddiem il-ġustizzja”¹⁸.

Huwa ċar li t-traffikar tal-bnedmin u kull aspett tiegħu hu dejjem illegali. Ma hemm xejn leġittimu dwar it-traffikar tal-bnedmin. L-isfruttament ta' persuna f'ċirkustanzi ta' koerċizzjoni minn persuna oħra hu aġir mhux xieraq f'kull sistema ġudizzjarja. It-traffikar tal-bnedmin ma għandu l-ebda wiċċ legali jew morali. Huwa reat serju u ksur gravi tad-dinjità tal-bniedem, skont il-projbizzjoni fl-Artikolu 5(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. In-nuqqas ta' kriminalizzazzjoni tal-użu tas-servizzi ta' persuna ttraffikata, **speċjalment bl-ġharfien li hu jew hi tkun il-vittma ta' traffikar tal-bnedmin**, jirrendi l-ġlieda globali kontra t-traffikar tal-bnedmin inqas effettiva u tfixxkel il-ksib tal-oġġettivi tad-Direttiva 2011/36/UE. Anki jekk il-leġislazzjonijiet nazzjonali ma jistabbilixxux bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma l-oġġetti ta' sfruttament tat-traffikar tal-bnedmin, il-fatt hu li tibqa' l-kwistjoni: li vittmi ta' spiss ġew ripetutament abbużati sesswalment, mentalment u fiżikament, reati esperjenzati mhux inqas kontra l-libertà, id-dinjità, l-awtodeterminazzjoni sesswali tagħhom u l-integrità ta' ġisimhom.

4. Kummenti konklużivi u t-triq 'il quddiem

Kif stipulat fl-Artikolu 18(4) tad-Direttiva 2011/36/UE, sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin tkun iktar effettiva, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jieħdu l-miżuri biex jistabbilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma oġġetti ta' sfruttament ta' vittmi ta' traffikar. L-analiżi magħmula f'dan ir-Rapport, fil-kuntest ta' valutazzjoni tal-impatt tal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti eżistenti, skont l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva, turi **xenarju ġuridiku b'kwalitajiet differenti li tonqos milli tikkontribwixxi b'mod effettiv biex tiskoraġġixxi d-domanda ta' dawn is-servizzi.**

Fin-nuqqas ta' kriminalizzazzjoni sħiħa jew inadegwata tal-użu ta' dawn is-servizzi fil-kuntest tat-traffikar tal-bnedmin, **l-attività ta' traffikanti li b'definizzjoni tinkludi l-isfruttament tal-vittmi tagħhom, tista' mhux biss tkun inqas skoraġġuta, iżda b'mod negattiv tista' wkoll tkun promossa permezz ta' kultura ta' impunità.** Naturalment, l-isfida li tiġi skoraġġuta d-domanda timplika enfasi **iktar fuq dawk li verament jużaw is-servizzi ta' forom differenti ta' traffikar, bl-ġharfien li l-persuna hija vittma ta' reat.**

Attwalment, bosta sistemi legali tal-Istati Membri ma jipprojbixxux, jew huma hekk biss parzjalment, lil dawk li jagħmlu użu minn dawn is-servizzi bl-ġharfien rilevanti, **li għandhom impatt fuq l-inċertezza legali rigward**, pereżempju, ir-responsabbiltà kriminali marbuta mar-relazzjoni tal-utent mal-vittma, it-ttrattament legali ta' dawk li jibbenefikaw minn jew li jippermettu u jiffaċilitaw sfruttament bħal dan, id-distinzjoni bejn l-utent u l-esplotjatur, ir-responsabbiltà ta' intermedjarji, kif ukoll il-ktajjen ta' provvista aktar wiesa'.

¹⁸ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument Rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, COM(2016) 267 final, SWD(2016) 159 final, p. 39.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw azzjoni aktar unifikata u dissuażiva kontra dan l-element ta' kriminalità transfruntier ta' traffikar tal-bnedmin. L-għan aħħari ta' dan ir-Rapport hu li jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-oġettivi tad-Direttiva 2011/36/UE dwar it-tnaqqis tad-domanda u għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, sabiex jiġi żgurat li l-gruppi kriminali mhux qed jibbenefikaw minn trattament legali differenti mill-utenti tal-vittmi tat-traffikar. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tiġbed konklużjonijiet importanti minn monitoraġġ tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u se tkompli teżamina għażliet potenzjali u tikkunsidra fil-futur, jekk ikun meħtieġ, proposti leġiżlattivi xierqa, skont l-Artikolu 23 (2) tad-Direttiva 2011/36/UE.